MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2014

Appell Civili Numru. 25/2010/2

**Bryan Ellul Sullivan**

**vs**

**Direttur Generali Qrati ta' Malta, Kummissarju tal-Pulizija u Kontrollur tad-Dwana.**

**Il-Qorti**

**Rat** li l-intimati ritrattandi Kummissarju tal-Pulizija u Kontrollur tad-Dwana qed jitolbu li tigi ritrattata l-kawza fl-ismijiet premessi deciza minn din il-Qorti (diversament presjeduta) fit-30 ta' Novembru 2011.

**Rat** ir-rikors ta' Ritrattazzjoni tal-imsemija Kummissarju tal-Pulizija u tal-Kontrollur tad-Dwana fejn gie sottomess:-

Illi b'rikors ippreżentat quddiem il-Qorti tal-Magistrati fit-29 ta` Jannar, 2010, Bryan Ellul Sullivan talab is-segwenti:

1. prevja dikjarazzjoni li l-konvenuti jew min minnhom huma responsabbli ghal-hlas ta' somma ta' hamest elef ewro (€ 5, 000) dovuta lilu wara li din is-somma instabet nieqsa minn somma ta' erbghin elf ewro (€ 40, 000) elevata mill-pussess tieghu mill-ufficjali tad-Dwana u esebita fil-proceduri kriminali istitwiti kontra tieghu fl-ismijiet « Il-Pulizija vs Bryan Ellul Sullivan ». Dawn il-flus instabu nieqsa hekk meta l-attur gie debitament awtorizzat sabiex jirtira s-somma ta' erbghin elf ewro (€ 40, 000). Irrizulta li fl-envelope lilu moghti mid-deputat registratur, kien hemm biss l-ammont ta' hamsa u tletin elf ewro ( € 35, 000), u cioe' kien hemm nieqsa s-somma ta' hamest elef ewro (€ 5, 000) ;

2. Il-konvenuti jew min minnhom ihallsu lill-attur l-imsemmija somma ta' hamest elef ewro (€ 5, 000) flimkien mal-interessi mid-data tas-sentenza tat-23 ta' Gunju 2009.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficjali pprezentata fil-11 ta' Dicembru 2009, u bl-interessi kif fuq spjegat kontra l-konvenuti li huma min issa ingunti in subizzjoni'.

Illi fir-risposta ta' l-esponenti gie eccepit is-segwenti :

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda fil-konfront tal-esponenti ghas-segwenti ragunijiet :

a) Illi ladarba l-flus kontanti illi gew elevati minn fuq ir-rikorrenti gew esebiti fi proceduri kriminali, dawn il-flus ma jibqghux aktar taht il-kustodja tal-Kummissarju tal-Pulizija jew tal-Kontrollur tad-Dwana imma jaqghu taht il-kustodja tar-Registratur skont id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 667 et seq tal-Kodici Kriminali.

b) Illi fil-konfront tal-esponenti l-pretensjonijiet rikorrenti huma infondati stante illi l-esponenti ma ghandhom fil-pussess taghhom l-ebda flejjes li jappartjenu lir-rikorrent u li jistghu jikkonsenjawlu u ghalhekk ma jirrispondux ghat-talba kif dedotta fl-att promotur.

c) Illi r-rikorrent irid igib prova illi effettivament originarjament kienu gew elevati minn fuq il-persuna tieghu l-ammont ta' erbghin elf ewro (€40, 000) kif dedott fl-att promotur. Irid igib prova wkoll li s-somma esebita fil-proceduri kriminali kontrih kienet ta' erbghin elf ewro (€40, 000).

2. Illi in vista tas-suespost huma ma jirrispondux ghal imghax kif mitlub mir-rikorrenti fl-att promotur.

3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti'.

Illi l-konvenut Direttur Generali tal-Qorti ma' intavolax risposta u baqa' kontumaci.

Illi l-Qorti tal-Magistrati (Malta) permezz tas-sentenza taghha tat-13 ta' Lulju 2010 iddecidiet is-segwenti :

'Ghaldaqstant din il-Qorti qieghda tilqa' t-talba attrici, filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Kontrollur tad-Dwana u Kummissarju tal-Pulizija, u tikkundanna lill-konvenut Direttur Generali tal-Qorti jhallas lill-attur dik is-somma msemmija fir-rikors promotur fl-ammont ta' hamest elef Ewro (€5,000).

L-ispejjez ta' din l-procedura, kif ukoll l-imghax skond il-Ligi, ghandhom jithallsu kollha mill-konvenut Direttur Generali tal-Qorti'.

Illi d-Direttur Generali tal-Qorti permezz ta' rikors tat-3 ta' Awwissu 2010 appella mid-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-13 ta' Lulju 2010 fejn talab sabiex tigi revokata u mhassra s-sentenza minnu appellata.

Illi permezz ta' sentenza tat-30 ta' Novembru 2011, il-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) osservat illi :

'Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, taqta' u tiddeciedi, billi filwaqt li tichad ir-risposta tal-appellat Bryan Ellul Sullivan datata 23 ta' Awwissu 2010 u tal-appellati l-

Kummissarju tal-Pulizija u tal-Kontrollur tad-Dwana datata 31 ta' Jannar 2011 u dan in kwantu l-istess huma b'xi mod inkonsistenti ma' dak hawn deciz, tilqa' l-appell interpost mill-appellanti d-Direttur Generali tal-Qrati datat 3 ta' Awwissu 2010 b'dan li tirrevoka u thassar is-sentenza fl-ismijiet « Bryan Ellul Sullivan vs Direttur Generali Qrati ta' Malta et » datata 13 ta' Lulju 2010 (Avviz Numru 25/10) b'dan li fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti appellati l-Kummissarju tal-Pulizija u l-Kontrollur tad-Dwana, tilqa' t-talba tal-attur f'dik il-kawza fil-konfront tal-istess konvenuti appellati l-Kummissarju tal-Pulizija u l-Kontrollur tad-Dwana u tikkundanna lill-istess konvenuti appellati l-Kummissarju tal-Pulizija u l-Kontrollur tad-Dwana jhallsu lill-attur appellat is-somma ta' hamest elef ewro (€5,000) ghar-ragunijiet indikati fir-rikors promotur, fil-waqt li tillibera lill-appellant id-Direttur Generali tal-Qorti mill-osservanza tal-gudizzju.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data tat-23 ta' Gunju 2009 sal-effettiv pagament kontra l-appellati/konvenuti l-Kummissarju tal-Pulizija u l-Kontrollur tad-Dwana'.

Illi permezz ta' dan ir-rikors l-esponenti qeghdin jitlobu illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna t-thassir tas-sentenza taghha tat-30 ta' Novembru 2011 fl-ismijiet premessi u r-ritrattazzjoni tal-kawza fl-istadju ta' l-appell.

Illi l-fatti li taw lok ghall-kawza huma s-segwenti:

Illi r-ritrattat Bryan Ellul Sullivan gie akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) b'excess ta' currency. Dakinhar tal-prezentata l-Ispettur inkarigat mill-kaz flimkien ma' ufficcjali tad-Dwana kien ghadd il-flus fil-prezenza tal-ufficcjali tad-Dwana u kien irrizultalu li kien hemm is-somma ta' erbghin elf Ewro (€40,000). Dan l-ezercizzju sar fil-kuritur ta' l-Awla hdax.

Illi l-flus kontanti tpoggew f'enveloppe abjad moghti lill-Ispettur mill-ufficjali tad-Dwana u fuq l-enveloppe l-Ispettur kiteb is-somma ta' erbghin elf Ewro (€40,000) u ffirma fejn jinghalaq l-enveloppe.

Illi l-enveloppe ma kienx issigillat mill-Ispettur u meta l-Ispettur beda jixhed esebixxa fizikament dawn il-flejjes fi flus kontanti

Illi d-Deputat tal-Magistrat ghaddiet l-enveloppe lill-exhibits officer sabiex jitpogga fis-safe tal-Qorti.

Illi sussegwentement ir-rittratat Ellul Sullivan hareg liberat u mar biex jirtira l-flus mill-Qorti u f'dan l-istadju irrizulta illi kien hemm hamsa u tletin elf Ewro(€35,000).

Illi l-prezenti talba ghal ritrattazzjoni hija bazata fuq il-paragrafi (e) u (l) ta' l-Artikolu 811 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta).

Illi l-Artikolu 811(e) u (l) tal-Kap.12 jipprovdu s-segwenti:-

"811. Kawza deciza b'sentenza moghtija fi grad ta' appell jew mill-Qorti Civili, Prim Awla, fil-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha, tista, fuq talba ta' wahda mill-partijiet li jkollha interess, tigi ritrattata, wara li qabel xejn tigi mhassra dik is-sentenza, ghal wahda minn dawn ir-ragunijiet li gejjin:

(e) jekk is-sentenza tkun applikat il-ligi hazin;

Ghall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li kien hemm applikazzjoni hazina tal-ligi, fil-kaz biss li d-decizjoni, meta l-fatt kien tassew kif stabbilit fis-sentenza attakkata, ma tkunx skond il-ligi, basta li l-kwistjoni ma tkunx dwar interpretazzjoni ta' ligi, li fuqha l-qorti tkun espressament tat decizjoni;

… (l) jekk is-sentenza kienet l-effett ta' zball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawza.

Ghall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li hemm dak l-izball, fil-kaz biss li d-decizjoni tkun ibbazata fuq is-supposizzjoni ta' xi fatt li l-verita' tieghu tkun bla ebda dubju eskluza, jew fuq is-supposizzjoni li ma jezistix xi fatt, li l-verita' tieghu tkun stabbilita pozittivament, basta li, fil-

kaz il-wiehed u l-iehor, il-fatt ma jkunx punt ikkontestat illi jkun gie deciz bis-sentenza.

Illi l-ilment ta' l-esponenti taht l-Artikolu 811 (e) huwa fis-sens illi l-Qorti ma ghamlet l-ebda referenza ghall-ligi izda strahet biss fuq il-fatti. Il-Qorti ta' l-Appell ma kkwotat l-ebda ligi biex tissosstanzja l-konkluzjonijiet taghha u dan meta l-Qorti kellha tapplika l-provvedimenti tal-ligi relattivi ghall-istitut ta' Depozitu u cioe' l-Artikoli 1891 et seq. tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta).

Illi hu stabbilit fil-gurisprudenza nostrana illi hemm lok ghal ritrattazzjoni jekk jirrizulta illi l-Qorti tkun applikat il-ligi hazina: in fatti, l-ipotesi ta' applikazzjoni hazina tal-ligi tikkonkreta ruhha meta jkun hemm vjolazzjoni espressa tal-ligi espressa u cara u mhux soggetta ghall-interpretazzjoni, razzjoncinju u argumenti.

Issir riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet Malta Development Corporation vs Medcast Foundry Limited deciza fl-14 ta' Ottubru 2008 fejn il-Qorti ta' l-Appell osservat illi jkun hemm lok ta' interpretazzjoni fuq dan il-motiv jekk fuq il-fatti pruvati ikun jidher illi l-Qorti applikat disposizzjoni tal-ligi minflok ohra li kellha proprjament tigi applikata u cioe' illi applikat il-ligi hazina ghall-kaz.

Illi gialadarba mill-provi rrizulta illi l-Ispettur esebixxa fizikament l-ammont ta' flus kontanti (liema ammont f'dak il-punt kien ta' €40,000 kif jirrizulta mix-xhieda ta' l-Ispettur mhux kontradetta) ir-responsabbilita' ghaddiet fuq ir-Registratur tal-Qrati u fil-veste tieghu ta' depositarju r-Registratur sar responsabbli ghall-flus li kienu fil-kustodja tieghu. Illi ghalhekk ghall-kaz odjern kellu jigi applikat l-Artikolu 1899 tal-Kodici Civili u l-Artikolu 1904 tal-Kodici Civili u gialadarba l-flus gew depositati ghand ir-Registratur, ir-Registratur kellu l-obbligu li jiehu hsiebhom b'dan li jroddhom lura meta hekk mitlub u jekk dawn ma jkunux aktar disponibbli ghandu jaghmel tajjeb ghan-nuqqas taghhom.

Illi l-ilment ta’ l-esponenti taht l-Artikolu 811(l) huwa fis-sens illi s-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell kienet affetta minn zball materjali ta’ fatt.

Illi bhala elementi li jikkostitwixxu din il-bazi ghar-revoka ta’ sentenza a bazi ta’ l-Artikolu 811 (l) jehtieg li l-izball ikun (kif gie osservat fis-sentenzi moghtija mill-Qorti ta’ l-Appell fil-kawzi fl-ismijiet John Sammut vs Michael Zammit Tabone et deciza fit-22 ta’ Jannar 2001 u Gourmet Co Limited vs Mariano Vella deciza fit-28 ta’ Jannar 2005:-

x zball materjali ta’ fatt b’rizultat ta’ inavvertenza tal-gudikant u mhux zball ta’ kriterji jew interpretazzjoni.

x zball car u manifest u cioe’ li johrog mis-semplici konfront bejn id-dikjarazzjonijiet tas-sentenza u l-atti jew dokumenti tal-process, b’mod li l-inavvertenza konsegwentement inducietu.

x zball determinat ghas-sentenza, cioe’ meta l-ezistenza jew l-inezistenza tal-fatt erronjement prezunta mill-Qorti, kienet « il-fundament ewlieni » tas-sentenza cioe’ dak li iddetermina l-mod kif inghatat is-sentenza.

Il-fatt jehtieg li ma jkunx gie kontestat u deciz, jekk l-ezistenza jew l-inezistenza tal-fatt in kwistjoni tkun giet dibattuta mill-partijiet u stabbilita anke fis-sentenza, ma hemmx bazi ghar-ritrattazzjoni.

Illi l-Qorti ta’ l-Appell strahet kompletament fuq ix-xhieda moghtija minn Saviour Balzan u kkonkludiet li l-enveloppe kien issigillat meta l-istess xhud fl-istess xhieda tieghu beda biex ighid li l-envelope kien issigillat u sussegwentement iccara li ma kienx jaf jekk kienx issigillat jew le.  Il-Qorti ta’ l-Appell injorat kompletament dan il-fatt u strahet biss fuq dik il-parti tax-xhieda fejn ix-xhud iddikjara li l-enveloppe kien issigillat. Di piu, jirrizulta mill-atti li l-enveloppe ma kienx issigillat mill-Ispettur u meta l-Ispettur beda jixhed esebixxa fizikament dawn il-flejjes fi flus kontanti.

Ir-rittrattandi jissottomettu illi dan kien zball fejn il-Qorti erronjement ipprezumiet dan il-fatt liema fatt iddermina l-mod kif inghatat is-sentenza tant hu hekk illi s-sentenza ma tistax tigi sorretta b'ragunijiet ohra indipendenti minn dik zbaljata.

Ghal dawn il-motivi l-imsemmija itrattandi qed jitolbu li dina l-Qorti, ai termini ta' l-Artikolu 811(e) u (l) tal-Kap. 12 thassar is-sentenza taghha tat-30 ta' Novembru 2011 u tirritratta l-istess.

**Rat** ir-risposta tar-ritrattat Direttur Generali (Qrati) fejn gie espost:-

1. Illi m'hemm assolutament ebda lok ghal trattazzjoni tas-sentenza fl-ismijiet premessi u ghalhekk it-talbiet tar-ritrattandi huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt.
2. Illi kwantu ghall-aggravju tar-ritrattandi bbazat fuq l-artikolu 811(e) tal-Kap 12 dan huwa assolutament infondat fil-fatt u fid-dritt. Di piu huwa  car li hawn japplika l-proviso tal-istess 811(e) tal-Kap 12.

3. Illi kwantu ghall-aggravju tar-ritrattandi bbazat fuq l-artikolu 811(l) tal-Kap 12 dan ukoll huwa infondat fil-fatt u fid-dritt fil-kaz odjern peress li ma kien ebda zball.

4. Illi huwa car li r-ritrattandi qed jipprovaw jittentaw, kontra kull principju u ligi, il terzo appello.

5. Illi fi kwalunkwe kaz l-eccipjenti huwa indikat hazin fl-okkju stante li huwa d-Direttur General (Qrati) u mhux Direttur Generali Qrati ta' Malta.

6. Salvi, jekk ikun il-kaz, risposti ulterjuri.

Bl-ispejjes kollha kontra r-ritrattandi.

**Rat** ir-risposta tal-appellat ritrattat Bryan Ellul Sullivan fejn gie sottomess:-

Li ma tezisti l-ebda raguni ghar-ritrattazzjoni tas-sentenza fl-ismijiet premessi u ghalhekk it-talbiet imressqa huma

infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez ghas-segwenti ragunijiet:

Li ma tezistix il-bazi ta' ritrattazzjoni a bazi tal-Artikolu 811(e) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili, Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta kif jissottomettu r-ritrattandi;

Li ma jezistix il-kaz ghar-ritrattazzjoni a bazi tal-Artikolu 811(1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta kif jissottomettu r-ritrattandi;

Salv eccezzjonijiet ohra permessibli skond il-Ligi.

**Rat** li l-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-13 ta' Lulju, 2010 ippronunzjat is-segwenti sentenza fil-kawza fl-istess ismijiet premessi:-

*"Il-Qorti*

*Rat ir-rikors promoturipprezentat mill-attur nhar id-29 ta' Jannar 2010 fejn talab lil din il-Qorti :-*
*1. "prevja dikjarazzjoni li l-konvenuti jew min minnhom huma responsabbli ghal-hlas ta somma ta' hames elef Ewro (€5000) dovuta lilu wara li din is-somma instabet nieqsa minn somma ta' erbghin elf Ewro (€40,000) elevata mill-pussess tieghu mill-ufficcjali tad-Dwana u esebita fil-proceduri kriminali istitwiti kontra tieghu f-ismijiet "Il-Pulizija vs Bryan Ellul Sullivan". Dawn il-flus instabu nieqsa hekk meta l-attur gie debitament awtorizzat sabiex jirtira s-somma ta' erbghin elf Ewro (€40,000). Irrizulta li fl-envelope lilu moghti mid-deputat registratur, li nfetah quddiem l-istess deputat registratur, kien hemm biss l-ammont ta' hamsa u tletin elf Ewro (€35,000), u cioe kien hemm nieqsa s-somma ta' hames elef Ewro (€5,000);*

*2. Il-konvenuti jew min minnhom ihallsu lil-attur l-imsemija somma ta' hamest elef Ewro (€5,000) flimkien mal-interessi mid-data tas-sentenza tat-23 ta' Gunju 2009.*

*Bl-ispejjez inkluz dawk ta' l-ittra ufficcjali pprezentata fil-11 ta' Dicembru 2009, u bl-interessi kif fuq spjegat kontra l-konvenuti li huma min issa ingunti in subizzjoni."*

*Rat ir-risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija u tal-Kontrollur tad-Dwana fejn eccepew bir-rispett is-segwenti:-*

*1. "Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda fil-konfront ta' l-esponenti ghas-segwenti ragunijiet:*
*a. Illi la darba l-flus kontanti illi gew elevati minn fuq ir-rikorrent gew esebiti fi proceduri criminali, dawn il-flus ma jibqghux aktar taht il-kustodja tal-Kummissarju tal-Pulizija jew tal-Kontrollur tad-Dwana imma jaqghu taht il-kustodja tar-Registratur skond id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 667 et seq tal-Kodici Kriminali.*

*b. Illi fil-konfront ta' l-esponenti l-pretensjonijiet rikorrenti huma infondati stante illi l-esponenti ma ghandhom fil-pusess taghhom l-ebda flejjes li jappartjenu lir-rikorrent u li jistghu jikkonsenjawlu u ghalhekk ma jirrispondux ghat-talba kif dedoota fl-att promotur.*

*c. Illi r-rikorrent irid igib prova illi effettivament originarjament kienu gew elevati minn fuq il-persuna tieghu l-ammont ta' erbghin elf Ewro (€40,000) kif dedott fl-att promotur. Irid igib prova ukoll li s-somma esebita fil-proceduri kriminali kontrih kienet ta' erbghin elf Ewro (€ 40,000).*

*2. Illi in vista tas-suespost huma ma jirrispondux ghal imghax kif mitlub mir-rikorrenti fl-att promotur.*

*3. Salv eccezzjonijiet ohra.*
*Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti."*

*Rat l-affidavit tal-attur Bryan Ellul Sullivan kif prezentat fl-atti permezz ta' nota nhar id-disgha w ghoxrin (29) ta' Marzu 2010 (fol 17). Stqarr li huwa kien gie akkuzat il-*

*Qorti nhar is-27 ta' Dicembru 2008 talli waqt li kien sejjer jitlaq minn dawn il-Gzejjer kellu fil-pusess tieghu aktar minn ghaxart elef Ewro (€10,000) u ma kienx iddikjarahom lill-Awtoritajiet koncernati. Ghalhekk l-ufficcjali tad-Dwana hadulu dak kollu li kien in eccess tas-somma t'ghaxart elef euro (€10,000) u elevaw minn fuq il-persuna tieghu is-somma ta' erbghin elf Ewro (€40,000). Huwa nghata ricevuta ta' dawn il-flejjes u esebixxa fotokopja taghha li giet markata bhala Dok E.*
*In segwitu' kienu ttiehdu fil-konfront tieghu proceduri kriminali, liema proceduri gew konkluzi fit-23 ta' Gunju 2009 u minnhom kien hareg liberat. Ikkonferma li pero' l-flus tieghu, li kienu gew elevati minn fuqu, kienu gew depozitati f'dawn l-istess proceduri kriminali. Ghalhekk huwa kien ipprezenta rikors quddiem dik il-Qorti sabiex jirtira l-flejjes li kienu gew hekk depozitati u fil-fatt esebixxa kopja ta' dan ir-rikors li gie mmarkat bhala Dok F. Nhar it-2 ta Settembru 2009 huwa kien inghata permess sabiex jirtira flusu u kien mar flimkien mal-Avukat tieghu sabiex jirtirahom. Kienu marru ghand is-Sur Xavier Mangion u meta gew biex jirtiraw il-flejjes u ghaddew l-istess, sabu li kien hemm hamest elef Ewro (€5000) nieqes. Minnufih giet imsejha Sue Fenech id-Deputat Registratur tal-Magistrat Antonio Micallef Trigona, quddiem min kienu gew depozitati l-flejjes, sabiex jaghmlu l-verifiki taghhom. Maghha gabet il-process minn fejn jirrizulta skond verbal li kien hemm li kienet giet depozitata s-somma ta' erbghin elf Ewro (€40,000).*

*Dak il-hin il-flus regghu tpoggew go envelope kannella u nkiteb l-ammont ta' flus li kienu nstabu. Dan l-envelop gie ffirmat minn kull min kien prezenti wara li gie ssiggillat. Ftehmu li l-avukat tieghu kellu jipprezenta rikors quddiem il-Magistrat sabiex jintalab direzzjoni ta' dak li kellu jsir. Ir-rikors sar u kellhom jergghu jiltaqghu l-Qorti sabiex il-flejjes jergghu jigi maghduda. Kien intalab permess sabiex il-hamsa w tletin elf Ewro (€35,000) jigu irtirati. Il-flus gew maghduda u huwa rtira s-somma ta' hamsa u tletin elf Ewro (€35,000) kif hemm miktub fid-dokument D. Kien ghalhekk li mbaghad fetah din il-kawza odjerna sabiex jiehu d-differenza.*

*Rat ukoll l-affidavit ta' Dottor Peter Fenech prezenat fl-istess jum ma' dak tal-attur, fejn dan ikkonferma dak kollu li qal l-attur fl-affidavit tieghu.*

*Semghet lil Sue Fenech tixhed nhar is-sitta (6) ta' Mejju 2010. Hija kkonfermat li hija tahdem bhala Deputat Registratur tal-Magistrat Antonio Micallef Trigona u kkonfermat li quddiemu kien instema' l-kaz kriminali ta' <u>l-Pulizija vs Bryan Ellul Sullivan.</u> Ikkonfermat li seduta stante fl-atti ta' din l-istess kawza gew depositati s-somma ta' erbghin elf Ewro (€40,000) mill-Ispettur Ivan Cilia. Stqarret li l-Ispettur Cilia ghaddielha din is-somma go envelop kannella ssiggilat. Ikkonfermat li dritt wara s-seduta l-marixxal taghha kien ha l-envelop ghand l-ufficcju tal-esebiti flimkien mal-ktieb tal-esebiti u l-ufficcjal iffirma fuqu li rcevihom bhal ricevitur taghhom.*

*Kompliet tikkonferma li l-kawza kriminali giet deciza nhar it-23 ta' Gunju 2009 u l-attur ghamel rikors sabiex jirtira dwk il-flejjes. Dan gie milqugh mill-Qorti u meta l-attur mar biex jirtira l-flus sab li kien hemm hamest elef Ewro (€5,000) neqsin. Hija kienet prezenti mera l-attur mar sabiex jiritira l-flus u maghha kien hemm l-avukat difensur tieghu Dr. Peter Fenech u Xavier Mangion ghan-nom tal-Qorti. Il-flejjes regghu tpoggew go envelop kannella u kull min kien prezenti ffirma fuq dan l-envelop li gie ssiggilat, u sussegwentement l-attur talab direzzjoni mill-Qorti permezz tar-rikors opportun.*

*Taf li l-Magistrat innomina lil Martin Bajjada sabiex jiffotografa l-flejjes kollha li kien hemm u pprezenta rapport lill-Magistrat Micallef Trigona. L-attur ghamel rikors iehor sabiex almenu jiritira l-flejjes li kien hemm u l-Magistrat laqa' t-talba u ghalhekk illum hemm biss kwistjoni fuq il-bilanc ta' hamest elef Ewro (€5,000).*

*Stqarret li meta l-Ispettur Cilia kien ipprezenta l-envelop originarjament quddiemha hija ma fethitx l-envelop u ma ghoddietx dak li kien hemm. Strahet biss fuq dak li qal l-ufficcjal tal-pulizija. Qalet ukoll li meta hija marret mal-attur biex jigbor flusu sabet li dawn kienu ghadhom fl-*

*istess envelop impoggi go envelop iehor tal-Gvern. Hija esebiet il-file kriminali relattiv li gie markat bhala Dok Z.*

*Illi nhar t-23 ta' Gunju 2010 in kontro-ezami tghid li hija qatt ma ghoddiet il-flus li gew mghoddija lilha ghaliex rat li kien hemm il-firma ta' ufficcjal tal-pulizija. Ikkonfermat dak kollu li kienet qalet fl-ezami taghha. Ikkonfermat ukoll li hija baghtet il-messaggier taghha bl-envelop ghand l-exhibits officer dritt wara s-seduta.*

*Semghet lil Joseph Sacco Direttur tal-Qrati Kriminali. Dan ikkonferma li l-involviment tieghu kien tali li kien prezenti meta rega' nfetah l-envelop quddiem l-attur u l-avukat difensur tieghu, l-exhibits officer Xavier Mangion, ir-rapprezentanti tad-Dwana Joseph Borg, Marco Sciberras u Emmanuel Sammut u l-Ispettur Ivan Cilia. Ikkonferma li meta nfetah l-envelop kien hemm biss is-somma ta' hamsa u tletin elf Ewro (€35,000).*

*Illi nhar is-6 ta'Mejju 2010 xehed Xavier Mangion fil-kwalita tieghu ta' exhibits officer u kkonferma li l-exhibit number SB148/09 gie moghti lilu min Jean Paul, li huwa l-marixxal tal-Magistrat Micallef Trigona. Jikkonferma li dan l-ezebit kien jikkonsisti f'pakkett issiggilat sew. Wara huwa poggieh fis-safe tal-Qorti w kiteb referenza ghalih fuq il-ktieb tal-esebiti, sabiex meta jkun hemm ordni appozita ta' zbank mill-Qorti huwa jkun f'posizjoni li jirtirah.*

*Spjega li fit-12 ta' Settembru 2009, cioe' hames xhur wara li efettivament kien gie depositat, Sue Fenech attiratlu l-attenzjoni tieghu li kien hemm digriet tal-Magistrat Dottor Antonio Mciallef Trigona fejn kien laqa' t-talba tal-attur sabiex huwa jkun jista' jiritra l-flus tieghu. Huwa kien mar fis-safe, sab l-envelop u dan infetah fil-presenza ta' Dr. Peter Fenech, tal-attur u ta' Sue Fenech, u nstab li kien hemm hamest elef Ewro neqsin (€5,000). Ghalhekk huma regghu poggew il-flus fl-istess envelop, issiggillawh u poggewh fis-safe.*

*Jiftakar li darba minnhom kienu zammu laqgha fil-kamra tal-gurati u dan l-envelop rega' nfetah u gie konfermat li kien hemm hamest elef Ewro neqsin (€5,000). Fuq ordni*

*tal-Magistrat dan l-envelop bil-flus kollha ta' go fih inghata lil Martin Bajada sabiex il-flejjes kollha jigu fotografati.*

*Fil-25 ta' Novembru 2009 l-attur rega' mar sabiex jizbanka l-flus wara li kien inghata digriet appozitu, w fil-fatt irtira is-somma ta' hamsa u tlein elf Ewro (€35,000) u pproceda b'din il-kawza ghall-bilanc.*

*Joseph Borg, rapprezentant tad-Dwana xehed nhar is-6 ta' Mejju 2010 u kkonferma li huwa kien prezenti ghal-laqgha li kienet inzammet fil-kamra tal-gurati meta nfetah l-envelop li originarjament kien fih is-somma t'erbghin elf Ewro (€40,000). Mieghu kien hemm ukoll Marco Sciberras u Emmauel Sammut mid-Dwana, kien hemm l-Ispettur Ivan Cilia u Dr Peter Fenech mal-attur. Dakinhar il-flus gew mghaduda mill-gdid u gie kkonfermat li kien hemm biss is-somma ta' hamsa w tletin elf Ewro (€35,000).*

*Saviour Balzan xehed nhar is-6 ta' Mejju 2010 (fol. 49) fil-kariga tieghu ta' Fizzjal mad-Dwana u kkonferma li kienu sabu somma ta' hamsin elf Ewro (€50,000) fuq il-persuna ta' Bryan Ellul Sullivan huwa w tielaq minn Malta, u kienu ghalhekk zammew is-somma t'erbghin elf Ewro (€40,000). Huwa pogga dawn il-flejjs go safe custody bag u poggihom gos-safe tad-Dwana. In segwitu' huwa ghadda din is-somma flus lill-Ispettur Cilia sabeix jigu esebiti l-Qorti. Jghid li huwa ghadd din is-somma darbtejn, anke fil-presenza tal-Ispettur Cilia qabel ma dawn gew depositati l-Qorti. Jghid li kien il-Qorti meta dawn il-flejjes gew mghoddija lid-Deputat tal-Magistrat, pero' ma jistax jikkonferma jekk kinux go envelop issigillat. Ikkonferma li huwa ta dawn il-flejjes lill-Ispettur Cilia dakinhar li l-attur tressaq il-Qorti u qabel ghalhekk ma gew depositati hemm.*

*Marco Sciberras, ufficcjal tad-Dwana xehed fl-istess jum tas-6 ta' Mejju 2010 u kkonferma dak kollu li qal Saviour Balzan. Zied pero' li maghhom meta ghoddew il-flus fil-bini tal-Qorti, qabel ma ghaddewhom lill-Ispettur Cilia, kien hemm ukoll Raymond Muscat u Anthony Fenech, zewg fizzjali ohra tad-dwana.*

*Ikkonferma li l-flus inhaddu fil-kuritur tal-Awla hdax u meta l-Ispettur ra l-flejjes u kien sodisfatt, dawn il-flejjes li kienu go envelop abjad, gew moghtija lill-Ispettur Ivan Cilia. Mistoqsi jekk l-Ispettur Cilia rrilaxxjax xi ricevuta jghid li ma jinhargux ricevuti bejn id-Dwana u l-Pulizija.*

*Emanuel Sammut rapprezentant tad-Dwana jghid nhar is-6 ta' Mejju 2010 li darba minnhom kellu laqgha fl-ufficcju tal-Avukat Generali flimkien mal-Ispettur Cilia u ddecidew li jigu jaraw l-envelop fejn kienu depositati l-flus, pero' dakinhar ma setghux jarawh ghaliex gew infurmati li kien taht inkjesta. Jaf pero' li s-Sur Mangion kellem lill-Ispettur u qallu li meta nghata l-flus ma kienx ghoddhom qabel ma poggiehom fis-safe.*

*Sussegwentement jaf li ha sehem f'laqgha ohra li nzammet il-Qorti fil-kamra fejn jiltaqghu l-gurati, flimkien m'ohrajn u fil-presenza tad-Direttur tal-Qorti kien hemm l-envelop fejn kieu gew impoggija il-flus, u dan l-envelop infetah quddiemu u nstab li kien hemm biss is-somma ta' hamsa w tletin elf Ewro (€35,000) minflok erbghin elf Ewro (€40,000) kif kienu poggew huma. Qal li l-flus kienu go envelop abjad li kien dak originarjament uzat mir-rappresentanti tad-Dwana, imbaghad kien hemm envelop iehor kannella u envelop iehor kannella issigillat ukoll.*

*L-Ispettur Ivan Cilia xehed u kkonferma li huwa kellu kaz il-Qorti ta' excess ta' currency quddiem il-Magistrat Dottor Antonio Micallef Trigona fejn kien hemm akkuzat l-attur odjern. Ikkonferma li dakinhar tal-prezentata huwa flimkien m'ufficcjali tad-Dwana, barra fil-kuritur tal-Awla hdax, kien ghadd xi flus fil-prezenza tal-ufficcjali tad-Dwana, u kien irrizultalu li kien hemm is-somma t'erbghin elf Ewro (€40,000). Huwa ghalhekk pogga dawn il-flus go envelop abjad moghti lilu mill-ufficcjali tad-Dwana. Huwa kiteb fuqu is-somma t'erbghin elf Ewro (€40,000) u ffirma fejn jinghalaq l-envelop. Huwa ma ssigillahx bit-tape. Sussegwentement beda jixhed, wara li ta dan l-envelop lil Sue Fenech, id-Deputata tal-Magistrat, sarulu xi domandi mid-difiza. Quddiemu qatt ma regghu gew maghduda wara li kien iddepositahom il-Qorti.*

*Sussegwentment jaf li l-attur hareg liberat u mar biex jirtira l-flus li kellu l-Qorti. Misatoqsi x sar minnhom il-flejjes jghid li ma jaf xejn aktar dwarhom wara li kien ghaddihom lill-Qorti.*

*Raymond Muscat xehed u spjega li l-involviment tieghu kien limitat fl-ajruport meta nstbet is-somma ta' hamsin elf Ewro (€50,000) fuq il-persuna tal-attur. Ikkonferma li kienu elevaw is-somma t'erbghin elf Ewro (€40,000) u dawn gew mghoddija lill-uficcjali ohra sabiex titkompla l-investigazzjoni.*

*Illi nhar l-24 ta' Mejju 2010 Dr. Francesco Depasquale ghad-Direttur Generali tal-Qrati ta' Malta, kien talab li jipprezenta nota t'eccezzjonijiet ghan-nom tal-konvenut Direttur tal-Qorti u stante n-nuqqas t'oggezzjoni tal-attur il-Qorti kienet laqghet it-talba u pprefiggiet terminu ta' gimgha mill-24 ta' Mejju 2010 ghal dan il-ghan. Dan nonostante pero' n-nota ma dahlitx fl-atti.*

*Ikkunsidrat:-*

*Illi m'hemmx dubbju li din il-kawza hija limitata ghas-somma ta' hamest elef Ewro li kienu depositati l-Qorti w ma nstabux meta l-attur mar biex jirtirahom skond digriet tal-Qorti. Dwar dan m'hemmx kontestazzjoni u l-kontestazzjoni hija limitata biss dwar min mill-konvenuti ghandu jinzamm responsabbli. Bhala fatti tal-kaz jidher li hemm qbil bejn il-partijiet fuq dak kollu li nghad dwar kif gew elevati l-flus u kif spiccaw esebiti l-Qorti taht il-kustodja taghha.*
*Minn dak li jirrizulta m'hemmx dubbju li l-flejjes fl-ammont t'erbghin elf Ewro (€40,000) gew depositati l-Qorti nhar it-2 ta' April 2008 mill-Ispettur Cilia fil-kawza kriminali Il-Pulizija vs Bryan Ellul Sullivan tramite d-Deputat Registratur tal-Magistrat, Sue Fenech, f'envelop issiggilat. (vide verbal tal-Qorti tal-Magistrati fol 5 tal-process krininali esebit f'dawn l-atti.) Illi ghalhekk minn hemm 'il quddiem il-Qorti saret id-depositarju ta' dawn il-flejjes.*

*L-Artikolu 1899 tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta) jipprovdi illi:-*

*"Id-depositarju ghandu, fil-kustodja tal-haga taht depositu, jiehu hsieb daqs kemm jiehu fil-kustodja ta' hwejgu" .*

*Illi ta' rilevanza huma wkoll id-dispozizzjonijiet tas-subincizi (a) u (c) tal-artikolu 1900 li jipprovdu s-segwenti:*

*"(1) Id-dispozizzjonijiet ta' l-ahhar artikolu qabel dan ghandhom jigu applikati b'mod aktar sever:*

*(a) meta d-depositarju jkun offra ruhu huwa nniffsu sabiex jiehu lura d-depositu;*

*(c) meta d-depositu jkun sar biss fl-interess tad-depositarju.*

*(2) F'kull wiehed mill-kazijiet imsemmijin fil-paragrafi (a), (b) u (c) tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, jghoddu d-dispozizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 1132; ………..".*

*Illi l-Artikolu 1132 tal-Kodici Civili jipprovdi hekk:*

*"(1) Bla hsara ta' kull dispozizzjoni ohra ta' dan il-Kodici dwar id-depositi, id-diligenza li wiehed ghandu juza fl-ezekuzzjoni ta' kull obbligazzjoni, sew jekk din ikollha bi hsieb il-gid biss ta' wahda mill-partijiet sew jekk tal-parti l-wahda u l-ohra, hija, f'kull kaz, dik ta' missier tajjeb tal-familja, kif hemm provdut fl-artikolu 1032".*

*Illi l-Artikolu 1904 jipprovdi s-sewgenti:-*

*"(1) Id-depositarju ghandu jrodd dik il-haga stess li jkun ircieva, fl-istat li din tkun tinsab fiz-zmien tar-radd.*

*(2) It-tgharriq li jsir fil-haga minghajr htija tad-depositarju jbaghtih id-depositant".*

*Illi jirrizulta li dawn il-flejjes inghataw lill-Exhibits Officer u li dan poggihom fis-safe. Jinghad pero' li huwa qatt m'ghadd is-somma flus li giet moghtija lilu u qabad u pogga l-envelop b'dak li kien hemm go fih gos-safe*

*minghajr ma ha l-prekawzjoni li fl-envelop verament kien hemm dak li kien hemm miktub fuqu, u cioe' s-somma t'erbghin elf Ewro (€40,000). Jidher ghalhekk li kemm id-Deputat Registratur, kif ukoll l-Exhibits Officer m'ghoddewx dawn il-flejjes u qaghdu biss fuq il-kelma tal-Ispettur Ivan Cilia.*

*Illi m'hemmx dubju li galadarba l-oggetti gew depositati ghand il-konvenut, huwa kellu l-obbligu li jiehu hsiebhom b'dan li jroddhom lura meta hekk mitlub, u jekk dawn ma jkunux aktar disponibbli ghandu jaghmel tajjeb ghan-nuqqas taghhom. Ovvjament dan ma sarx f'din il -kawza.*

*Illi fil-kawza fl-ismijiet "Dimech vs Kummissarju tal-Pulizija", deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-29 ta' April 1996, intqal illi "Ir-responsabbilta' ta' depositarju hija dik ta' bonus paterfamilias u huwa ghandu l-obbligu li jipprova li ma setax jevita t-telf tal-oggetti hekk lilu konsenjati, u fin-nuqqas iwiegeb ghad-danni"*

*Illi fil-kawza fl-ismijiet "Mary Hall vs Emmanuel Xuereb", deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Marzu 1946, il-Qorti nnotat illi d-depositarju, anki b'titolu gratuwit, ghandu juza fil-kustodja tal-haga l-istess diligenza li juza fil-kustodja ta' hwejgu. In konferma ta' dak stabbilit mill-Kodici Civili, hija qalet ukoll li d-depositarju ghandu jrodd il-haga lil min fdahielu fl-istess stat li kienet giet konsenjata lilu. Konsegwentement id-depositarju li jonqos minn dawn l-obbligi huwa responsabbli ghad-danni lejn id-depositant.*

*Illi r-responsabbilta' ta' depositarju hija dik ta' bonus paterfamilias u huwa ghandu l-obbligu li jipprova li ma setax jevita t-telf tal-oggetti hekk lilu konsenjati, w fin-nuqqas iwiegeb ghad-danni.*

*Illi in effetti fil-kawza fl-ismijiet "Maria Camilleri vs Duminku Attard" (P.A. (JSP) 2 ta' April 1992) inghad illi:-*

*"Huwa provvdut fil-ligi li min jircievi d-depositu ghandu juza l-istess diligenza fuq il-haga depositata qisha kienet tieghu, jigifieri juza d-diligenza li jirrizerva ghall-hwejjeg*

*tieghu… Ghaldaqstant l-attur nomine bhala depositarju kellu juza d-diligenza ta' 'buon padre di famiglia' (Pietro Contini vs Giorgio Zammit (Vol. XXIX. P I. 1422)".*

*"Id-depositarju huwa obbligat juza, fil-kustodja ta' l-oggetti depositati ghandu, l-istess diligenza li huwa juza fil-kustodja ta' hwejgu, u huwa obbligat irodd dawk l-oggetti biss lil min ikun iddepositahom ghandu jew lill-persuna illi f'isimha jkun sar id-depositu jew lil min ikun inkarigat biex jircevihom. Id-depositarju li jonqos minn dawn id-dmirijiet huwa responsabbli tat-telf jew hsara li dan in-nuqqas igib lis-sid tal-haga depositata jew lil min ikun iddepositaha" (Vol. XXIX. P I. 1244). (ara wkoll "Reginald Micallef et nomine vs Godwin Abela et nomine" – A.K. 16 ta' Marzu 1992).*

*Illi ghalhekk fid-dawl tas-suespost m'hemmx dubbju li huwa l-konvenut Direttur Generali tal-Qorti, li huwa kontumaci, li ghandu jirrispondi ghat-talba attrici. Il-konvenuti Kummissarju tal-Pulizija u Kontrollur tad-Dwana m'ghandhomx jinstabu responsabbli ghal dan in-nuqqas, u dan a bazi tal-principju li una volta l-oggett gie depositat il-Qorti hija l-Qorti li trid twiegeb ghal nuqqas ta' kustodja tal-oggett.*

*Ghaldaqstant din il-Qorti qieghda tilqa' t-talba attrici, filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Kontrollur tad-Dwana u Kummissarju tal-Pulizija, u tikkundanna lill-konvenut Direttur Generali tal-Qorti jhallas lill-attur dik is-somma msemmija fir-rikors promotur fl-ammont ta' hamest elef Ewro (€5,000)*

*L-ispejjez ta' din l-procedura, kif ukoll l-imghax skond il-Ligi, ghandhom jithallsu kollha mill-konvenut Direttur Generali tal-Qorti."*

**Rat** li l-intimat Direttur General tal-Qrati hassu aggravat bl-imsemmija sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) u interpona appell minnha quddiem din il-Qorti.

**Rat** li fis-seduta tat-30 ta' Novembru, 2011 din il-Qorti (diversament presjeduta) ippronunzjat is-segwenti sentenza:-

*“ .................ommissis .......l*

*Rat ir-rikors tal-appell tad-Direttur Generali tal-Qorti datat 3 ta’ Awwissu 2010 fejn talab lill-Qorti sabiex in vista tal-aggravji minnu mressqa tilqa’ l-appell tieghu u dan billi tirrevoka u thassar is-sentenza appellata.*

*Rat ir-risposta tal-appell ta’ Bryan Ellul Sullivan datata 23 ta’ April 2010 a fol. 5 tal-process fejn sostna ghar-ragunjiet hemm indikati li s-sentenza tal-Ewwel Qorti hija gusta u timmerita konferma u ghalhekk l-appell interpost ghandu jigi michud.*

*Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tas-26 ta’ Jannar 2011.*

*Rat ir-risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija u tal-Kontrollur tad-Dwana datata 31 ta’ Jannar 2011 a fol 11 tal-process fejn sostnew li ghar-ragunjiet hemm indikati s-sentenza tal-Ewwel Qorti hija gusta u timmerita konferma u ghalhekk l-appell interpost ghandu jigi michud.*

*Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti fejn fis-seduta tat-22 ta’ Marzu 2011 meta ssejjah l-appell dehret Dr. Roma D’Alessandro ghall-Kontrollur tad-Dwana, Dr. Victoria Buttigieg ghall-Kummissarju tal-Pulizija appellat, Dr. Francesco Depasquale ghall-appellanti u Dr. Peter Fenech ghall-appellat Bryan Ellul Sullivan. Dr. Francesco Depasquale irtira l-ewwel aggravju. Id-difensuri trattaw il-kaz. L-appell gie differit ghas-sentenza ghat-30 ta’ Novembru 2011.*

*Rat l-atti kollha tal-istess kawza inkluz is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet premessi datata 13 ta’ Lulju 2010.*

*Rat id-dokumenti esebiti.*

*Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.*

## *II. KONSIDERAZZJONIJIET.*

*Illi l-aggravju tal-appellant huwa li huwa rcieva l-envolope minghand l-Ispettur Ivan Cilia li kien fih €40,000 u la darba l-istess envelope instab issiggilat kif kien meta kien esebit mela allura huwa ma jistax jinsab responsabbli ghall-fatt li meta l-istess envolope gie irtirat instab li kien hemm biss €35,000.*

*Illi l-intimati l-Kummissarju tal-Pulizija u l-Kontrollur tad-Dwana qed inter alia jeccepixxu li gie ppruvat li gew esebiti il-Qorti €40,000, u l-fatt li dawn ma inghadewx ma jitfa' l-ebda responsabilita' fuqhom, u dak li gie effettivament pruvat huwa biss li gew depositati €40,000, izda meta nstabu kien hemm biss €35,000.*

*Illi mill-provi prodotti jirrizulta bla dubju li meta l-appellat Sullivan gie biex jirtira l-flus mill-Qorti instab li kien hemm biss €35,000, izda gie ppruvat ukoll li fis-seduta tat-28 ta' April 2009 quddiem il-Qorti tal-Magistrati, l-Ispettur Ivan Cilia xehed li qed jesebixxi s-somma ta' €40,000, izda ma jidhirx li l-istess somma inghadded minnu fl-Awla tal-Qorti, u l-istess flus kontanti kienu f'envelope abjad li kien issigillat, tant li fil-verbal tal-istess seduta inghad li:-*

*"Xehed bil-gurament l-Ispettur Ivan Cilia li esebixxa l-kunsens tal-Avukat Generali u stqarrija u envelope sigillat b'40,000 Euro K/B/148/09".*

*Illi jirrizulta wkoll mill-provi li dan gie kkonfermat mix-xhud Sue Fenech (xhieda 6 ta' Mejju 2010) li meta gie biex jinfetah tali envelope fit-2 ta' Settembru 2009 dan l-istess envelope kien ghadu ssigillat u nfetah fil-presenza ta' Bryan Ellul Sullivan, Xavier Mangion u Dr. Peter Fenech, u fih instabu biss €35,000. Dan jinsab ikkorroborat mix-xhieda ta' Dr. Peter Fenech (affidavit 29 ta' Marzu 2009 – fol. 22) u Xavier Mangion (xhieda 6 ta' Mejju 2010 – fol.*

*45) u Joseph Borg, rapprezentant tad-Dwana (xhieda 6 ta' Mejju 2010). Din ix-xhieda bl-ebda mod ma giet kontradetta li jfisser li la l-envelope baqa' sigillat mill-mument ta' depositu quddiem il-Qorti sal-mument tal-ftuh tieghu sabiex jittiehdu lura l-flus li kien hemm fih, mela allura dak li kien fih baqa' fih. Dan ifisser li l-istess envelope kif issigillat meta esebit fil-Qorti, ma kienx hemm fih €40,000, izda s-somma li effettivament instabet meta gie miftuh, ghaliex ma jistax ikun li kieku kien hemm depositati fih €40,000, u f'xi mument wara li l-istess envelope gie depositat fil-Qorti ssigillat, inhadu xi flus minnu minghajr ma jigi mqatta' jew imkisser is-sigill. Mela l-unika konkluzjoni logika li din il-Qorti tista' tasal ghaliha f'dan l-istat tal-provi huwa li l-istess envelope li gie esebit mill-pulizija ma kienx fih l-ammont ta' €40,000.*

*Illi huwa veru li l-Ispettur Cilia xehed fis-6 ta' Mejju 2010 li huwa esebixxa envelope b'€40,000 u jghid li huwa ghadd flimkien mal-ufficjali tad-dwana dawn il-flus meta huwa hadhom u dan kollu sar barra l-Awla tal-Qorti, izda l-istess Spettur qatt ma rrilaxxa ebda ricevuta tal-istess ammont li huwa allega li rcieva minghand tad-Dwana u l-istess ufficjali tad-Dwana lanqas inghataw ricevuta tal-istess ammont.*

*Jghid li huwa kull ma ghamel kien li pogga l-istess flus fl-envelope, izda ma ssigillahx, u jghid li ma jafx "x'ghamlet bih id-deputata tal-Magistrat Micallef Trigona, jiena naf biss li ghaddejtilha l-envelope abjad maghluq". Izda dan ma jaqbilx mal-verbal tas-seduta tat-28 ta' April 2009 fejn l-jinghad li l-istess xhud esebixxa l-envelope bil-flus gjo fih fil-kawza kriminali kontra Brian Ellul Sullivan u dan ghaliex hemm inghad li "Xehed bil-gurament l-Ispettur Ivan Cilia li esebixxa l-kunsens tal-Avukat Generali u stqarrija u envelope sigillat b'40,000 Euro K/B/148/09", kif gja gie indikat, u ma hemm ebda xhieda li b'xi mod tikkontradixxi dan il-verbal fl-att tal-kawza quddiem il-Qorti, anzi l-istess Sue Fenech fis-seduta tas-6 ta' Mejju 2010 (fol. 40) sostniet li l-envelope meta esebit kien gja issigillat bil-firma tal-ufficjal tal-pulizija, u ma jirrizultax li dan is-sigill qatt inkiser hlief meta gew sabiex jigu rtirati l-flus fit-2 ta' Settembru 2009 meta appuntu u kif inghad instabu biss*

*€35,000 u dan huwa kkonfermat ukoll mill-kontenut tar-rikors ta' Bryan Ellul Sullivan datat 9 ta' Settembru 2009 fejn jghid li l-flus kienu "f'envelope sigillat kulur abjad u sigillat f'envelope iehor kulur kannella mill-ufficjal tad-dwana u pulizija rispettivament", b'dan li ma hemm l-ebda dubju li mill-mument li l-istess envelope gie esebit il-Qorti mill-pulizija sal-mument li nfetah kif inghad mill-ufficjali tal-Qorti, l-istess sigill tal-envelope qatt ma kienu mittiefsa, li jfisser li qatt ma nfetah qabel dak in-nhar, u li allura dak li kien originarjament fl-istess envelope kif esebit, baqa' hekk mhux mittiefes, sakemm quddiem il-persuni indikati ufficjali tal-Qorti, l-envelope infetah u nstab bis l-ammont ta' €35,000. Mhux hekk biss, izda mix-xhieda tal-ufficjal tad-Dwana Saviour Balzan moghtija fis-6 ta' Mejju 2010 (fol. 49) l-istess xhud ikkonferma x-xhieda ta' Sue Fenech u l-verbal tas-seduta tat-28 ta' April 2009 quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti tal-Gudikatura Kriminali fejn jinghad li l-Ispettur Cilia kien issigilla l-istess flus f'envelope li gie sigillat u ghalhekk din il-Qorti thoss li l-appell interpost ghandu jigi milqugh fis-sens li l-appellanti ma ghandux jinzamm responsabbli ghan-nuqqas ta' flus li instabu, ghaliex ma giex pruvat li l-envelope tal-flus kif issigillat seduta stante kien mittiefes sakemm dam fil-kustodja tal-Qorti, u allura l-unika konkluzjoni li din il-Qorti tista' tasal ghaliha hija li l-ammont ta' flus gol-envelope ma inghaddux sew, kemm mill-Pulizija u kemm mir-rapprezentanti tal-Kontrollur tad-Dwana qabel ma gew esebiti. Illi huwa sinfikanti wkoll li x-xhieda ta' Sue Fenech quddiem l-Ewwel Qorti giet rapporatata fis-sentenza hawn appellata mill-Ewwel Qorti fis-sens li hija stqarret li l-Ispettur Cilia ghaddielha din is-somma go envelope sigillat u ghalhekk din il-Qorti qed tilqa` l-appell, u tillibera lill-appellant mill-osservanza tal-gudizzju, u tikkundanna lill-konvenuti l-ohra sabiex ihallsu l-ammont ta' €5,000 li kienu gew konfiskati mill-ufficjali tad-Dwana minghand l-appellat Bryan Ellul Sullivan, bhala parti mis-somma ta' €40,000, u li baqghu ma inghatux lura lill-istess appellat attur, ghaliex mill-ammont ta' €40,000 li gew elevati minn fuq l-appellant mill-Kontrollur tad-Dwana, gew ritornati biss lilu €35,000, proprju ghaliex fl-envelope esebit mill-Ispettur Ivan Cilia meta infetah instab li kien hemm nuqqas ta' €5,000.*

*Illi f'dan il-kaz allura dak li gie ritenut mis-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet "Martin Cachia vs Kummissarju tal-Pulizija" (A.C. – 7 ta' Lulju 2006) ma japplikax ghall-kaz in ezami peress li abbazi tal-provi prodotti dak li rrizulta li gie esebit quddiem il-Qorti huwa effettivament envelope li gie sigillat seduta stante li skond l-istess xhud kien jikkontjeni €40,000, izda li rrizulta li attwalment ma kienx jikkontjeni l-imsemmija ammont ta' flus, ghaliex eventwalment meta gie biex jinkiser jew jinqata' s-sigill fuq l-envelope li kien sar seduta stante, instab li fih kien hemm fih biss €35,000 u mhux €40,000 allegati.*

*III. KONKLUZJONI.*

*Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, taqta' u tiddeciedi, billi filwaqt li tichad ir-risposta' tal-appellat Bryan Ellul Sullivan datata 23 ta' Awwissu 2010 u tal-appellati l-Kummissarju tal-Pulizija u tal-Kontrollur tad-Dwana datata 31 ta' Jannar 2011 u dan in kwantu l-istess huma b'xi mod inkonsistenti ma' dak hawn deciz, tilqa' l-appell interpost mill-appellanti d-Direttur Generali tal-Qrati datat 3 ta' Awwissu 2010 b'dan li tirrevoka u thassar is-sentenza fl-ismijiet "Bryan Ellul Sullivan vs Direttur Generali Qrati ta' Malta et" datata 13 ta' Lulju 2010 (Avviz Numru 25/10) b'dan li fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti appellati l-Kummissarju tal-Pulizija u l-Kontrollur tad-Dwana, tilqa' t-talba tal-attur f'dik il-kawza fil-konfront tal-istess konvenuti appellati l-Kummissarju tal-Pulizija u l-Kontrollur tad-Dwana u tikkundanna lill-istess konvenuti appellati l-Kummissarju tal-Pulizija u l-Kontrollur tad-Dwana jhallsu lill-attur appellat is-somma ta' hamest elef ewro (€5,000) ghar-ragunijiet indikati fir-rikors promotur, fil-waqt li tillibera lill-appellant id-Direttur Generali tal-Qorti mill-osservanza tal-gudizzju.*

*Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data tat-23 ta' Gunju 2009 sal-effettiv pagament kontra l-appellati/konvenuti l-Kummissarju tal-Pulizija u l-Kontrollur tad-Dwana."*

**Rat** li l-appellati ritrattandi Kummissarju tal-Pulizija u Kontrollur tad-Dwana hassew li hemm lok li din l-ahhar sentenza tigi mhassra u konsegwentement tigi ritrattata u ghalhekk ippresentaw r-rikors ghar-ritrattazzjoni fuq indikat u li hu l-meritu tal-presenti sentenza.

**Rat** l-atti l-ohra kollha tal-imsemmi rikors kif ukoll l-atti l-ohra kollha kif komplilati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) u quddiem din il-Qorti (diversament presjeduta).

**Rat** id-dokumenti esibiti.

**Semghat** it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet.

**Rat** li l-kawza giet differita sabiex tinghata s-sentenza.

**Ikkonsidrat:-**

L-intimati ritrattandi Kummissarju tal-Pulizija u Kontrollur tad-Dwana qed jitolbu li, ai termini ta' l-Artikoli 811(e) u (l) tal-Kap.12 tigi ordnata r-revoka tal-imsemmija sentenza ta' din il-Qorti (diversament presjeduta) tat-30 ta' Novembru 2011 u konsegwentement li tigi ordnata r-ritrattazzjoni tal-istess.

Hu ben maghruf li l-gudizzju tar-ritrattazzjoni ghandu zewg ghanijiet cioe' l-ewwel dak li tigi mhassra sentenza li tkun saret gudikat bejn il-partijiet u sussegwentement dak li terga tinfetah t-trattazzjoni tal-kawza biex tinghata sentenza mill-gdid.

Issegwi ghallhekk li il-gudizzju tar-ritrattazzjoni hu kompost minn zewg stadji, wiehed differenti mill-iehor mgharrufin fid-dottrina legali bhala 'in rescindente' u 'in rescissorio'.  Ghalhekk il-ligi taghna trid u tesigi li qabel xejn ghandha tigi mhassra jew revokata s-sentenza

mpunjata billi minghajr dan it-thassir mhux possibili li l-kawza tigi trattata mill-gdid.

Huwa biss wara li jkun sar dan li tista' ssir il-trattazzjoni mill-gdid tal-kawza billi sa kemm dak it-thassir ma jkunx sar dik is-sentenza tkun u tibqa ta' ostakolu ghar-riezami tal-kawza (vide Qorti tal-Appell sentenza tal-11 ta' Dicembru 2002 fl-ismijiet 'Gaetano Fenech vs Maria Pisani'). Inoltre gie ritenut li r-ritrattazzjoni ta' kawza hu rimedju straordinarju u ghalhekk il-ligi tipprovdi permezz tal-artikolu 811 tal-Kapitolu 12 il-varji bazijiet fuq liema l-ewwel tista tigi revokata s-sentenza lamentata. Dawn il-bazijiet ghandhom jinghataw interpretazzjoni kemm jista jkun restrittiva cioe' l-akkoljiment tat-talba sabiex sentenza li tkun ghaddiet in gudikat tigi mhassra trid tirrientra f'wiehed mis-sub-artikoli tal-imsemmi artikolu 811 tal-Kapitolu 12, liema sub-artikoli m'ghandhomx jigu interpretati b'mod wiesa. Ir-ritrattandi f'dan ir-rigward qed jaghmlu referenza ghas-subartikoli (e) u (l) tal-imsemmi artikolu 811.

Dawn is-sub-artikoli jipprovdu testwalment kif gej "(e) jekk is-sentenza tkun applikat il-ligi hazin (ghall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li kien hemm applikkazzjoni hazina tal-ligi, fil-kaz biss li d-decizjoni, meta l-fatt kien tassew kif stabbilit fis-sentenza attakkata, ma tkunx skont il-ligi, basta li l-kwistjoni ma tkunx dwar interpretazzjoni ta' ligi, li fuqha l-qorti tkun espressament tat decizjoni;" u "(l) jekk is-sentenza kienet l-effett ta' zball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawza (ghall-finijiet ta' dan il-paragrafu jitqies li hemm dak l-izball, fil-kaz biss li d-decizjoni tkun ibbazata fuq is-supposizzjoni ta' xi fatt li l-verita' tieghu tkun bla ebda dubju eskluza jew fuq is-supposizzjoni li ma jesistix xi fatt, li l-verita' tieghu tkun stabbilita pozittivament, basta li, fil-kaz il-wiehed jew l-iehor, il-fatt ma jkunx punt ikkontestat u jkun gie deciz bis-sentenza."

Bil-presenti rikors ta' ritrattazzjoni z-ewg ritrattandi qed jitlobu li tigi ordnata r-revoka tas-sentenza ta' din il-Qorti (diversament presjeduta) tat-30 ta' Novembru 2011 fl-istess ismijiet premessi u li tigi ordnata mill-gdid it-trattazzjoni tal-kawza fl-istadju ta' l-appell. In-generali l-

fatti rilevanti li taw lok ghall-kawza huma li r-ritrattat Bryan Ellul Sullivan kien gie akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) b'eccess ta' flus kontanti meta kien hiereg minn Malta. Gie konfiskat ammont minnghand l-imsemmi ritrattat u tali ammont kien gie esibit fil-proceduri kriminali li ttiehdu kontra l-istess ritrattat. Il-busta kontenenti l-flus kontanti tpoggiet fis-safe tal-Qorti. Eventwalment l-istess ritrattat kien gie misjub mhux hati u kien gie liberat. Meta r-rittratat Ellul Sullivan mar biex jirtira l-flus mill-Qorti nstab li kien hemm €5000 nieqsa.

Fl-ewwel lok ir-ritrattandi qed jilmentaw, kwantu ghall-imsemmija provedimenti tas-subartikolu (e), li, fl-opinjoni taghhom, l-Qorti tal-Appell (min hawn il-quddiem indikata bhala 'il-Qorti') ma ghamlitx referenza ghal xi provedimenti tal-ligi u ma kkwotat ebda ligi u qaghdet esklusivament fuq il-fatti. Inoltre l-istess ritrattandi jsostnu li l-Qorti ma ssostanzjatx il-konkluzjonijiet taghha. Dejjem skond ir-ritrattandi l-Qorti kellha tapplika l-provvedimenti tal-ligi relattivi ghall-istitut ta' Depozitu u cioe' l-Artikoli 1891 et seq. tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta).

Kif gia' rilevat l-imsemmi sub-artikolu (e) jipprovdi li sentenza ghandha tigi revokata jekk il-ligi tkun giet applikata b'mod hazin. Fl-istess subartikolu hemm specifikat li ghandu jitqies biss li hemm tali applikkazzjoni zbaljata meta ghall-fatt stabbilit fl-istess sentenza tkun giet applikata l-ligi b'mod errat. Ghandu jirrizulta b'mod car li l-Qorti marret kontra dak li espressament tghid il-ligi u ghandu jirrizulta ukoll li giet applikata b'mod inkorrett xi disposizzjoni tal-ligi fir-rigward ta' fatt stabbilit mill-istess Qorti fis-sentenza in kwistjoni.

F'dan ir-rigward ir-ritrattandi jaghmlu referenza ghal fatt li, skond huma, jirrizulta mill-provi li l-Ispettur tal-Pulizija kien esibixxa ammont ta' flus kontanti fl-atti tal-kawza kriminali u appuntu f'dak il-hin r-responsabbilita' ghall-istess flus kontanti ghaddiet fuq ir-Registratur tal-Qrati. Skond ir-ritrattandi hawnhekk ir-ritrattat Direttur Generali (Qorti) assuma l-vesti ta' depositarju u ghalhekk sar responsabbli ghall-istess flus kontanti. Ir-ritrattandi f'dan ir-rigward qed

isostnu li giet esibita s-somma li effettivament kellha tigi esibita u ma kienx hemm ammonti neqsin.

Ir-ritrattandi jsostnu li jirrizulta li gie esibit fil-proceduri kriminali l-ammont ta’ flus kontanti li kien gie elevat mill-pussess tar-ritrattat. Jidher pero’ li l-istess ritrattandi qed jippresuma li sar hekk mentri mis-sentenza nnifisha tal-Qorti jirrizulta l-kuntrarju. Fis-sentenza l-Qorti ddikjarat li l-uniku fatt li jirrizulta bla dubju hu li meta l-imsemmi ritrattat irtira l-flus mill-Qorti sab li kien hemm €5,000 nieqsa. Il-Qorti kkonsidrat li kien jirrizulta li giet esibita somma fi flus kontanti fil-proceduri kriminali, pero’ l-istess somma ma nghadditx tant li gie verbalizzat fl-atti tal-istess proceduri kriminali li “xehed bil-gurament l-Ispettur Ivan Cilia u esibixxa ...... envelope sigillat b’40,000 Euro K/B/148/09”.Inoltre l-Qorti kkonsidrat li meta nfetah l-istess “envelope” u cioe’ meta r-ritrattat Ellul Sullivan gie biex jirtira l-istess flus kontanti, l-istesss envelope kien ghadu ssiggillat kif kien gie esibit. Konsegwentement il-Qorti kkonkludiet li meta giet esibita l-imsemmija busta ma kienx fiha s-somma fi flus kontanti li suppost kien fiha izda ammont inqas kif difatti nstab meta nfethet. Il-Qorti, inoltre, waslet ghall-konkluzjoni li, fic-cirkostanzi prevalenti, ma setghax ikun li ittiehdu xi flus wara li dawn gew depositati l-Qorti minghajr ma gie “mqatta’ jew imkisser is-sigill.”

In vista tal-premess ma jirrizultax dak li qed isostnu r-ritrattandi u cioe’ li  gew esibiti fil-proceduri kriminali l-ammont ta’ flus kontanti li kien gie elevat mill-pussess tar-ritrattat Ellul Sullivan u kwindi hu zgur li l-provedimenti tas-sub-artikolu in kwestjoni m’ghandhomx japplikaw f’dan il-kaz. Ma jirrizultax li fis-sentenza in kwestjoni gie stabbilit li kienu gew depositati l-ammont fi flus kontanti li kellhom jigu depositati. Ghalhekk ma jistax jinghad li fil-konfront tal-istess fatti giet applikata b’mod hazin il-ligi. Inoltre, dejjem b’referenza ghal dak li gie sottomess mir-ritrattandi, ghandu jigi rilevat li, in vista ta’ dak li gie deciz mill-Qorti, ma kienx hemm ghalfejn issir referenza ghal xi provedimenti tal-ligi. Jidher ukoll li l-Qorti  ssostanzjat il-konkluzjonijiet taghha.

Fid-dawl ta’ dak kollu li ntqal hawn fuq, is-sentenza in kwestjoni m’ghandix tigi revokata ai termini tas-sub-artikolu (e) tal-artikolu 811 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fit-tieni lok ir-ritrattandi, kwantu ghal dak li jirrigwarda l-provediumenti tal-artikolu 811(l), jilmentaw li s-sentenza tal-Qorti hi affetta minn zball materjali ta’ fatt. F’dan ir-rigward ir-ritrattandi jissottomettu semplicement li l-Qorti ghadet biss fuq dak li ddepona wiehed biss mix-xhieda (Saviour Balzan) u waslet ghall-konkuzjoni li l-imsemmi ‘envelope’ kien issigillat meta gie esibit fl-imsemmija proceduri. Ir-ritrattandi jkomplu jissottomettu li  pero’ l-istess xhud wara li appuntu kkonferma li l-‘envelope’ in kwestjoni kien issigillat, sussegwentement qal li ma kienx jaf jekk kienx issigillat jew le.

Skond ir-ritratandi l-Qorti skartat dan il-fatt, kif ukoll skartat li jirrizulta li in effett l-‘envelope’ ma kienx gie issigillat mill-Ispettur tal-Pulizija li esibih fl-imsemmija proceduri.

Dan il-fatt kif gie sottolineat mir-ritrattandi ma jistghax jigi kkonsidrat li hu zball kif trid il-ligi ai termini tas-sub-artikolu in kwestrjoni. Fl-ewwel lok kif gia rilevat il-Qorti kkonsidrat provi ohrajn, inkluz il-verbal li gie ddettat  mill-Qorti meta gie presentat l-oggett in kwestjoni u cioe’ l-‘envelope’ kontenenti flus kontanti. Barra minn hekk il-Qorti wasslet ghall-konkluzjoni, sostanzjata bi provi u konsiderazzjonijiet ohrajn, li l-busta ma tmissitx mill-mument li giet esibita sal-mument li infethet fil-presenza ta’ diversi xhieda. Lanqas ma jirrizulta li l-izball lamentat mir-ritrattandi certament li mhux zball materjali ta’ fatt rizultanti minn inavvertenza tal-gudikant. Lanqs ma hu zball li jsegwi minn xi dikjarazzjoni fis-sentenza. In effett il-fatt lamentat hu punt li gie esplicitament stabbilit fis-sentenza. Ghalhekk lanqas a bazi tas-sub-artikolu in kwestjoni ma hemm bazi ghar-ritrattazzjoni.

In vista tal-premess it-talba ghar-ritrattazzjoni ma tistax tigi akkolta.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tichad it-talbiet kif kontenuti fir-rikors ta' ritrattazzjoini tar-ritrattandi Kummissarju tal-Pulizija u Kontrollur tad-Dwana bit-talba li tigi revokata u ritrattata mill-gdid is-sentenza ta' din il-Qorti (diversament presjeduta) tat-30 ta' Novembru 2011.

Spejjez kollha jithallsu mir-ritrattandi in solidum bejnithom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------